REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1450

tat-3 ta' Settembru 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 rigward il-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi akrinatrina u prokloraż

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) tistabbilixxi s-sustanzi attivi meqjusa li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Il-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi akrinatrina u prokloraż ġew estiżi mill-31 ta' Diċembru 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/291 ([3]).

(3) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati tressqu f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([4]). Iżda l-applikanti kkonfermaw li ma għadhomx isostnu l-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi akrinatrina u prokloraż.

(4) Meta jitqies l-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-estensjonijiet tal-perjodi ta' approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi, previsti fir-Regolament (UE) 2019/291, ma għadhomx ġustifikati. Għaldaqstant jixraq li jiġi previst li l-approvazzjonijiet tal-akrinatrina u tal-prokloraż jiskadu fid-dati meta kellhom jiskadu mingħajr l-estensjonijiet.

(5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformita mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/291 tad-19 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni għas-sustanzi attivi 1-naftilaċetammid, aċidu 1-naftilaċetiku, akrinatrina, ażossistrobina, fluważifop p, fluroksipir, imażalil, krežoksim-metil, ossifluworfen, prokloraż, proeżadjon, spiroksamina, teflutrin u terbutilażina (ĠU L 48, 20.2.2019, p. 17).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Settembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

(1) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Akrinatrina fis-sitt kolonna tar-ringiela 19, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2021";

(2) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Prokloraż fis-sitt kolonna tar-ringiela 20, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2021";